# San Ġużeppi u ż-Żwieġ tiegħu ma' Marija

Ir-referenzi li jagħmlu l-Evanġelji ta' Mattew, Luqa u Ġwanni għal Ġużeppi, nistgħu niġbruhom fi tliet blokki, skont is-suġġett li jwasslu.

## 1) *Ġużeppi: l-għarus u r-raġel ta' Marija*

Mt 1,16 jiddeskrivi lil Ġużeppi bħala *anēr* ta' Marija. Fiha nnifisha, il-kelma ma tispeċifikax hux ir-raġel jew l-għarus. Iż-żwieġ kien fih żewġ tappi: l-*erusîm* = il-*betrothal* u n-*nissuîm* = meta l-għarajjes imorru joqogħdu flimkien (litteralment, meta l-għarus jerfa' [*nāsā'*] lill-għarusa u joħodha toqgħod f'daru). Quddiem il-Liġi, l-*erusîm* kien jorbot liż-żewġ għarajjes daqslikieku kienu miżżewġin (ara Dt 22,23-24).

Mt 1,18 (u Lq 1,27) jgħid li Marija kienet "imwegħda" (*mnēsteuō*) lil Ġużeppi, u jgħid speċifikament li kienu għadhom ma marrux joqogħdu flimkien (għarusa lilu, fl-ewwel fażi taż-żwieġ tagħhom tal-*erusîm*). Imma 1,19 jgħid li Ġużeppi, ir-raġel (*anēr*) tagħha, kien raġel ġust u ma riedx ixandarha quddiem kulħadd, kien qatagħha li jibgħatha bil-moħbi tan-nies. Mela *anēr* tfisser kemm l-għarus (bħal f'1,19) u kemm żewġha (bħal f'1,16). Anke fl-għerusija, Ġużeppi kien diġà jissejjaħ l-*anēr* ta' Marija.

Mt 1,20.24 jispeċifikaw li Ġużeppi ħaffef iż-żmien bejn l-*erusîm* u *n-nissuîm* u ħa lil Marija b'martu fid-dar tiegħu.

Kemm jekk tħares lejn Ġużeppi bħala l-kap tal-familja ta' Nażaret (wara li ħa lil Marija b'martu u lil Ġesù bħala ibnu legali), magħmula minnu, minn Marija u minn Ġesù, u kemm jekk tħares lejh bħala l-għarus ta' Marija (qabel marru joqogħdu flimkien), dejjem jista' jissejjaħ ir-raġel jew żewġ Marija; dejjem huwa *anēr*.

## 2) *ĠESÙ, IBEN MARIJA*

Grupp ta' testi oħra jitkellmu fuq ir-relazzjoni bejn Ġużeppi u Ġesù.
Mt 2,13.14.19; 2,21, flimkien ma' Mt 1,16: donnu li Mt għadu jrid jagħmel distinzjoni speċifika li Ġesù huwa biss iben Marija, għalkemm f'Mt 1,24 kien diġà qalilna li Ġużeppi ħa lil Marija u lil Ġesù bħala tiegħu legalment. F'dawn it-testi dejjem hemm: "it-tifel u ommu" jew li Ġesù twieled minn Marija. Mattew qiegħed donnu jagħmel distinzjoni bejn il-paternità legali tiegħu lejn Ġesù u l-paternità naturali/bijoloġika.

Lq 3,23 jispeċifika li Ġesù kien "maħsub" (*enomízeto* – għalhekk il-missier *putattiv*) li hu iben Ġużeppi.

## 3) *ĠESÙ, IBEN ĠUŻEPPI*

Il-komunità ta' Ġwanni, bi tradizzjonijiet differenti minn dawk tas-Sinottiċi, imma wkoll iktar tardiva fiż-żmien mill-komunitajiet tas-Sinottiċi, ma għandhiex diffikultà ssejjaħ lil Ġesù bħala iben Ġużeppi.
Ġw 1,44 – Filippu jindika lil Ġesù lil Natanajel bl-isem ta' Ġesù bin Ġużeppi, u dan saħansitra skont l-Iskrittura.
Ġw 6,42 huwa iktar qawwi minn hekk, għax lil Ġesù jsejjaħlu bin Ġużeppi daqskemm huwa bin Marija.

Mela m'hemmx diffikultà lessikali li lil Ġużeppi nsejħulu *r-raġel ta'* jew *żewġ Marija*.
*Lanqas hemm diffikultà li lil Ġużeppi nsejħulu r-raġel ta' jew żewġ Marija għax legalment kien hekk tassew, ladarba ħa lil Marija bħala martu.*

Naħseb li l-isem ta' "għarus" ta' Marija ingħata biss minħabba l-paternità ta' Ġesù. Kienet paternità legali, għax ħa lil Ġesù bħala ibnu, imma mhux bijoloġika jew naturali.
Allura naħseb li, meta jissemma ma' Marija, jista' bit-trankwillità kollha jissejjaħ ir-raġel tagħha jew żewġha.

Rev. Dr Paul Sciberras